MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 600/2013

**SYSTEC LIMITED** (C-2864)

vs

Roderick **FALZON** f’ismu proprju u għan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta Comprod-Group Limited (C-28020)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-21 ta’ Ġunju, 2013, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta’ l-artikoli 167 sa

170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidament bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ wieħed u għoxrin elf, seba’ mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmi (€21,757.79) li tirrappreżenta servizzi mogħtija mill-kumpanija attriċi lill-istess imħarrkin konsistenti fl-għoti ta’ tagħmir u ‘*software*’ tal-‘*computers*’ mitlub mill-istess imħarrkin.

Talbet ukoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tas-26 ta’ Settembru, 2013, li biha ammettiet it-talbiet kif magħmula;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Settembru, 2013, li bih tat żmien lill-imħarrek Roderick Falzon *proprio* biex jikkontesta l-kawża safejn it-talbiet attriċi tressqu kontrih;

Rat li sal-lum l-imħarrek naqas li jressaq it-Twegiba Maħlufa li l-Qorti ħallietu jippreżenta u lanqas ma deher quddiemha llum biex ifisser għaliex;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta’ l-intimat u wara l-ammissjoni tal-kumpannija mħarrka tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa’ it-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta’ wieħed u għoxrin elf, seba’ mija u sebgħa u ħamsin Euro u disgħa u sebgħin

ċenteżmi (€21,757.79) rappreżentanti l-għoti ta' servizzi kif fuq imfisser flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-data ta' kull fattura sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjez tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------